MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 1220/2004/1

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**Joseph Balzan u Koperattiva tat-Tjur Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Mejju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` Gunju, 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` elf, u tnejn u tmenin lira (Lm1,082) rapprezentanti valur ta` flieles mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru tas-26 ta` Mejju, 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Balzan datata 20 ta` Lulju, 2004 fejn ikkontesta t-talbiet attrici in vista tal-fatt illi (1) dan l-ammont kien dovut mis-socjeta` konvenuta Koperattiva tat-Tjur Ltd; (2) Ma tezisti ebda relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Balzan (3) Is-6,000 broiler kienu nxtraw mill-Koperattiva tat-Tjur sabiex l-esponent irabbihom u jerga` jghaddihom lura lill-istess Koperattiva sabiex jinbieghu (4) Illi l-Koperattiva ma kellhiex bejgh ghalihom u kwindi awtorizzatu jbieghhom hu pero` huwa biegh biss 700 lil Simina b’telf filwaqt li 1,500 intremghu il-Maghtab u 3,800 mietu fuq il-farm tal-eccippjent meta kellhom disa` gimghat.

Ra illi l-Koperattiva konvenuta ghalkemm debitament notifikata b’dina l-kawza baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tas-socjeta` attrici u tal-konvenut Balzan.

Ikkunsidra.

Illi George Borg in rapprezentanza tas-socjeta` attrici jispjega li din is-socjeta` awtorizzata tbiegh il-flieles pero` biss lil dawk il-persuni ndikati fuq formola apposita li kulhadd jirreferi ghaliha bhala l-karta s-safra u dana skond struzzjonijiet moghtija mid-Direttur ghal servizzi veterinarji (Dok RB1 et seq). Illi ma hemmx dubbju li l-konvenut Balzan fil-fatt huwa rikonoxxut bhala licensed breeder (Dok RB6). Il-bejgh kien isir lill-Koperattiva tat-Tjur pero` dan ix-xhud jinsisti li s-socjeta` attrici kienet

taccetta tali negozju bil-patt u kondizzjoni li anke l-breeder kellu jidhol responsabbli flimkien mal-Koperattiva ghal hlas ta` l-istess flieles. Fil-bidu ta` l-ipprocessar ta` dan il-bejgh in kwistjoni, il-ftehim dwar solidarjeta` kien bil-fomm pero` in segwitu kien sar bil-miktub u dana fis-sens li l-invoice li ntbghatet mis-socjeta` attrici din tinsab debitament iffirmat (Dok RB7 u Dok RB8). Din l-invoice tohrog in triplicate form, wahda tinzamm mis-socjeta`, ohra tinzamm mill-breeder jew koperattiva skond kif jiftiehmu bejniethom u t-tielet wahda tmur ghand il-biccerija f'Hal Tarxien. Dan ix-xhud jallega li l-konvenut Balzan kien accetta li jhallas dan id-debitu billi l-President tal-Koperattiva Bastjan Briffa kien informah li l-konvenut Balzan kien ippropona li jhallas permezz ta` pagamenti mensili ta` Lm50. Ghalkemm l-attur accetta li jsir il-hlas permezz ta` pagamenti mensili pero` xtaq li dan id-debitu jinqata` f'perjodu aqsar.

Ikompli jispjega li l-ordni in kwistjoni kienet saret mill-Koperattiva. Din kienet ta` 6,000 fellus tal-valur ta` Lm1,082 u l-konsenja taghha kienet giet esekwita nhar it-18 ta` Dicembru, 2003. Skond il-karta s-safra din l-ordni kienet saret  ghal beneficcju tal-breeder konvenut Balzan (Dok Dok RB7 u Dok RB8) u difatti l-konsenja relattiva saret ghandu fl-indirizz tieghu ta` Haz Zebbug u d-delivery note giet iffirmata minnu (Dok RB9) u b'tali konsenja kien gie debitament infurmat id-Direttur tas-servizzi veterinarji (Dok RB10). L-invoice Dok RB8 mibghuta lill-konvenut Balzan giet konfermata minn Robert Borg ghas-socjeta` attrici fis-sens li mtliet minnu stess. Jikkonferma wkoll li din l-invoice intbghatet bil-kliem jointly and severally u mhux tnizzlet wara. Jikkonferma wkoll Dok JB1 bhala l-original ta` Dok RB8. Jispjega li l-original ta` l-invoice Dok JB1 kien jintbghat biss lill-Koperattiva peress li f'dak iz-zmien is-socjeta` attrici kienet tircievi l-hlas relattiv minghand l-istess Koperattiva. Jikkonferma wkoll li Dok JB3 huwa l-original ta` Dok RB9 cioe` d-delivery note li

rcieva u ffirma l-konvenut Balzan mal-konsenja tal-flieles.

Il-konvenut Balzan jikkonferma li huwa ghandu licenzja sabiex irabbi l-flieles. Jispjega li l-procedura kienet li huwa jrabbi l-flieles ghan-nom tal-Koperattiva. Meta jikbru u jsiru tigieg ighaddihom lura lil Koperattiva sabiex tbieghhom. Tal-koperattiva kienu jiznu l-flieles u jhallsu lil Balzan taghhom pero` mill-prezz favur Balzan kienu jnaqqsu l-valur ta` kemm kienu jigu jiswewlhom l-istess flieles peress illi l-prezz tal-akkwist tal-flieles kien jigi negozjat u mhallas mill-Koperattiva u mhux mill-breeder. Il-konvenut Balzan ikkonferma li is-6,000 fellus in kwistjoni kienu gew ikkonsenjati ghandu tant illi kkonferma l-firma tieghu fuq id-delivery note relattiva Dok RB9 u JB3.  Gharaf ukoll il-firma tieghu fuq l-invoice esebit Dok JB1 liema dokument kien inghatalu mill-istess delivery man fil-mument tal-konsenja. Jinsisti pero` illi fuq Dok JB1 ma kienx hemm imnizzla l-kliem “jointly and severally” fil-mument meta ffirmha. Sakemm il-flieles kibru u saru tigieg, il-koperattiva ma baqghetx topera u kwindi ma hadithomx lura minghand Balzan bil-konsegwenza li ntremghu.

Jacqueline Balzan mart il-konvenut tikkonferma fis-sustanza ix-xhieda ta` zewgha. Tikkonferma wkoll li d-delivery man kellu zewg karti wahda safra u ohra bajda pero` dan kien halla ghandhom biss il-karta s-safra u l-ohra zammha ghandu. Din ix-xhud tinnega li qatt kien hemm xi diskors fejn accettat li thallas dan l-ammont. F’dan l-istadju gie esebit kopja tal-ftehim li kien hemm bejn il-Primrose u l-Koperattiva li wkoll gie mmarkat bhala Dok JB1 li pero` jinsab esebit a fol 71 et seq tal-process.

Illi dan il-ftehim bazikament jikkoncerna ftehim pattwit esklussivament bejn il-koperattiva u l-Primrose u ftit li xejn fil-fatt jissemmew il-breeds.

Difatti fi klawsola H (v) jinghad illi "broilers supplied by the Principals to Poultry breeders upon orders made by the Operators… It-tranzazzjonijiet ta` flus u varjanzi fil-prezzijiet u kondizzjonijiet ohra relattivi gew kontrattati strettament bejn il-koperattiva u l-Primrose – il-breeders ma jinkwadraw xejn f'dan in-negozju.

It-Tribunal jinnota li Dok KB1 u Dok KB2 (fattura u l-karta s-safra) jirriferu pero` ghal 7,000 u mhux 6,000 broiler konsenjati lil Bastjan Briffa u mhux lil Joseph Balzan. Fil-fatt l-istess Bastjan Briffa gharaf il-firma tieghu fuq dawn iz-zewg dokumenti. Huwa jsostni li kien hallas ghal din il-konsenja huwa stess personalment ghalkemm jikkontendi li kienu dovuta mill-koperattiva pero` dan ghamlu sabiex jevita proceduri gudizzjarji kontra tieghu. Meta in kontro-ezami gie mitlub jaghti aktar dettalji dwar il-ftehim li kien hemm bejn is-socjeta` attrici u l-koperattiva konvenuta huwa m`gharafx jaghti aktar informazzjoni. Meta rega` ttella jixhed pero` dan stqarr li l-ftehim bejn il-koperattiva u s-socjeta` attrici kien fis-sens illi l-Primrose tbiegh il-flieles lil koperattiva u tithallas direttament minghandhom – il-koperattiva tghaddihom lil breeder sabiex irabbihom sakemm isiru tigieg – meta jikbru l-breeder ighaddihom lura lil koperattiva sabiex din toqtolhom – Il-koperattiva kienet thallas lil breeder ghal tali trghobbija prevja li taqta` l-prezz tal-flieles li tkun halset. Izid ighid li ma kienx jaf jekk dan il-ftehim kienx bil-miktub jew le u meta sar. Jikkonferma wkoll li meta l-koperattiva kienet dahlet f'problemi finanzjari, kien hu stess li ssuggerixxa lil tal-Primrose sabiex jippruvaw jigbru lura flushom ghal din il-konsenja direttament minghand Balzan, ftit ftit pero` dan id-diskors sar fl-assenza tal-istess konvenut Balzan u minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu. In kontro-ezami ma jeskludix il-possibbilita` li l-ftehim seta` nkluda klawsola li anke l-breeder kien ikun responsabbli ghal hlas relattiv pero` fl-istess nifs jerga` jinsisti li r-responsabbilita` tal-hlas ghal flieles kienet

esklussivament a karigu tal-koperattiva u mhux tal-breeder. Tali obbligu esklussiv jista` jigi nterpretat ukoll b'mod korrett fil-ftehim bil-miktub pattwit bejn il-koperattiva u l-Primrose Dok JB1 a fol 71 et seq tal-process. Difatti fuq dan il-kuntratt il-breeders la kienu jiffurmaw parti minnu u wisq anqas kienu firmatarji. L-istess kuntratt lanqas ma jistipula jew jirregola fuq l-eventwali cirkostanza fejn il-breeders setghu jidhlu bhala partijiet f'relazzjoni diretta mal-Primrose. Illi ghalhekk l-unika relazzjoni li setghet giet kostitwita legalment bejn l-attur u l-konvenut Balzan dwar il-konsenja in kwistjoni kienet l-invoice relattiva ghal din il-konsenja li tinsab esebita a fol 48 tal-process.

It-Tribunal ma jaqbilx mal-argument imressaq mill-abbli konsulent legali tas-socjeta` attrici illi Balzan xorta wahda ghandu jigi kkunsidrat bhala responsabbli in solidum mal-Koperattiva anke in mankanza tal-frazi "jointly and severally" stante li si tratta ta` "act of trade" u dana a tenur tal-artikolu 115 Kap 13 tal-Ligijiet ta` Malta. Dana qed jinghad peress illi fl-ewwel lok ghandu jigi ppruvat li Balzan fil-fatt kien ko-debitur flimkien mal-Koperattiva fir-rigward tal-kreditu pretiz mill-Primrose. Dan il-fattur ma giex ippruvat mis-socjeta` attrici, anzi mill-assjem tal-provi rrizulta li l-bejgh tal-flieles kien isir lill-koperattiva fuq l-ordni taghhom u s-socjeta` attrici kienet tikkonsenja l-istess lil dak il-breeder lilhom indikat. Il-hlas lis-socjeta` attrici kien isir mill-istess koperattiva u dana a tenur tal-ftehim minnhom pattwit skond il-kuntratt esebit a fol 71 et seq tal-process. Qatt ma nholqot relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-breeder di proprio in konnessjoni man-negozju tal-bejgh tal-flieles in kwistjoni. Kif gia` nghad il-bejgh kien isir strettament bejn il-koperattiva u l-Primrose u din ta` l-ahhar kienet tidderigi fejn kellhom jigu konsenjati l-flieles sabiex dawn jigu mroghbbija mill-breeder ghall-interessi tal-Koperattiva li kienet tehodhom lura meta jikbru ghal qatla. Difatti kif gia` ntqal, il-prezz tal-bejgh

tal-flieles kien jigi miftiehem biss bejn il-Koperattiva u l-Primrose skond it-termini tal-precitat kuntratt ta` bejniethom u meta l-Koperattiva kienet thallas lil breeder ghat-troghbija ta` l-istess, kienet tnaqqas il-prezz li hija tkun halset lil Primrose.

Illi ghalhekk in vista tal-premess huwa kredibbli l-konvenut Balzan meta jinsisti li fuq l-invoice a fol 48 tal-process ma kienx hemm il-kliem “jointly and severally” fil-mument meta ffirma l-istess. Is-socjeta` attrici kellha l-opportunita` li tipprova kemm riedet li l-invoice dejjem kienu johorgu b’din il-frazi f’kazijiet ohra pero` hlief din attwali u ohra mibghuta lil Bastjan Briffa Dok KB1 ma resqux. Illi dan in-nuqqas jaghti wiehed x’jifhem li tali frazi setghet facilment tnizzlet wara l-akkadut fi zmien meta s-socjeta` attrici ntebhet li l-Koperattiva kienet ghaddejja minn zminijiet ta` problemi finanzjarji.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Joseph Balzan u kwindi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u kif ukoll jilqa` t-talbiet attrici limitatament pero` fil-konfront tal-Koperattiva konvenuta u konsegwentement jikkundanna lill-istess Koperattiva konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` elf, u tnejn u tmenin lira (Lm1,082) bl-imghax legali dekorribbli mit-18 ta` Dicembru, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess Koperattiva konvenuta.**”**

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici. Hi qed titlob ir-riforma tas-sentenza billi, filwaqt li din tigi konfermata in kwantu laqghet it-talba taghha di fronte ghas-socjeta` Koperativa tat-Tjur Limited, l-istess sentenza tigi riformata in kwantu l-konvenut Joseph Balzan gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u dan billi

din il-Qorti joghgobha tilqa' t-talba taghha anke fil-konfront ta' dan, prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

L-obbjezzjonijiet avvanzati mis-socjeta` attrici appellanti huma, koncizament, is-segwenti:-

(1) It-Tribunal ma ghamelx valutazzjoni korretta tal-fatti u tal-principji legali. Dan l-aktar fejn laqa' l-eccezzjoni difensjonali tal-konvenut Balzan illi hu ma kellux ebda relazzjoni negozjali mas-socjeta` attrici;

(2) Is-solidarjeta` fil-kummerc hi prezunta skond l-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc u allura sew il-Koperativa kif ukoll il-konvenut Balzan kellhom jaghmlu tajjeb bi hlas ghall-flieles mibjugha u kkonsenjati;

Il-Qorti jidhrilha opportun li ghandha tibda biex tinvesti u tiddelibera t-tieni obbjezzjoni, anke ghaliex ir-ragonament li jrid jsir dwarha jista' jkun influwenti fuq il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel obbjezzjoni;

In linea generali huma tlieta l-presupposti ta' l-obbligazzjoni solidali, u cjoe:

(a) pluralita` ta' soggetti fir-rapport negozjali;

(b) l-*idem debitum*, ossija l-istess identika prestazzjoni diretta ghas-sodisfaciment ta' l-istess interess kreditorju. Dan avolja wiehed mid-debituri jista' jkun obbligat xort'ohra mill-ohrajn ghal hlas ta' l-istess haga (Artikolu 1095, Kodici Civili);

(c) L-*eadem causa obligandi* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi kostrett ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn di fronte ghall-kreditur (Artikolu 1094, Kodici Civili). F'dan il-kaz il-kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri *in solidum* minghajr ma d-debitur hekk maghzul ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1096, Kodici Civili);

Rilevanti ghal dan s'issa dedott huwa d-dispost ta' l-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili in kwantu dan jippreskrivi illi ma jitqiesx li hemm solidarjeta jekk din ma tkunx iddikjarata mil-ligi jew espressament miftehma. Fiz-zgur, fil-kamp civili s-solidarjeta` ma tistax tkun prezunta. Ara "**Nazzareno Catania -vs- Michael Degiorgio *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar, 1958. Mhux l-istess fil-kamp kummercjali. Hu stabbilit *ex lege* fl-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc illi fl-obbligazzjonijiet kummercjali hu prezunt li l-kondebituri huma obbligati *in solidum* jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju;

Stabbilita n-natura u l-effetti ta' l-obbligazzjoni solidali mill-provi akkwiziti ghall-process jirrizulta b'mod sodisfacenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi r-ragonament additat mit-Tribunal ghall-eskluzjoni tas-solidarjeta hu ineccepibbli. Il-provi, ghallanqas, ma jwasslux sal-konferma tal-precitata presunzjoni legali. Del resto, ukoll, lanqas ma jikkonducu ghar-rizultat ta' xi solidarjeta` espressament konkordata;

Fil-kuntest din il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet generali:-

(1) Il-kuntratt tas-26 ta' Dicembru, 2003 (fol. 97) sar bejn is-socjeta` attrici u l-Ko-operativa konvenuta. Minn dak depost mix-xhud Bastjan Briffa (fol. 26) li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju fi hdan din il-Ko-operativa l-arrangament kien li s-socjeta` attrici tbiegh il-flieles lill-Ko-operativa li minn naha taghha tghaddihom lis-singoli *breeders* ghat-trobbija minn dawn. Meta jsiru tigieg il-*breeders* jghadduhom lill-Ko-operativa. Dejjem skond dan ix-xhud il-hlas lis-socjeta` attrici kien isir mill-Ko-operativa. Minn dan biss fl-ewwel lok taqa' l-asserzjoni tas-socjeta` attrici illi l-konvenut Balzan ma pproduca ebda rapprezentant tal-Ko-operativa biex isostni d-difiza tieghu tan-nuqqas ta' relazzjoni negozjali maghha. Fit-tieni lok, u ankorke l-kuntratt ta' ftehim ghal dak li hu hlas jipprovdi li dan irid jigi effettwat mill-ko-operativa, *qua operator*, jew mir-"*respective breeder*", jigi osservat illi l-konvenut

Balzan, *qua breeder*, ma kienx firmatarju ta' dak il-kuntratt;

(2) Jemergi minn dan, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-ezistenza ta' pluralita` ta' soggetti obbligati ghall-istess prestazzjoni ma tissussistix. Ir-rapport guridiku ta' kreditur-debitur bejn is-socjeta` attrici u l-Ko-operativa hu ghal kollox distint u awtonomu minn dak bejn il-konvenut Balzan u l-Ko-operativa. Certament, l-ipotesi ta' kondebitur solidali ma taghmlux il-fattura, lanqas b'dik l-annotazzjoni unilaterali fuqha "*jointly and severally*" u lanqas ma taghmlu d-*delivery note* tar-recezzjoni tal-flieles. Dan ghaliex, kif manifest, il-kuntratt kostitutiv tar-rapport obbligatorju ma kienx bejn Balzan u s-socjeta` attrici;

(3) Lanqas ma jista' ragonevolment jigi dezunt mill-provi illi kien hemm xi patt specifiku li bih il-konvenut Balzan assuma r-responsabilita` ghall-hlas. Biex dan seta' jkun hekk ried jirrizulta r-riskontru ta' dik il-volonta inekwivoka f'Balzan li dan ried hekk. Almenu dan ma jirrizultax mix-xhieda ta' dan il-konvenut (ara deposizzjoni tieghu a fol. 22), u dik il-volonta` tieghu ma gietx lanqas minn provi ohra univokament accertata;

(4) In konkluzjoni, is-socjeta` attrici appellanti ma setghatx tippretendi l-adempiment ta' l-obbligazzjoni tal-hlas minghand Balzan ghax dak id-debitu ma kienx jaggrava fuq il-patrimonju ta' dan il-konvenut in kwantu hu ma kienx ko-obbligat flimkien mal-Ko-operativa.

Ghal motivi kollha predetti u dawk l-ohra tat-Tribunal, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------